**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2019**

**Rikors nru: 81/2011 MLF**

**Carmelo Bonnici**

**vs**

**Godwin Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex il-konvenut jigi ikkundannat ihallsu l-ammont ta' hamest' elef, hames mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€5,595.81) rapprezentanti danni strutturali fil-fond 12, Habel ix-Xghir, Zejtun u l-mobbli li kienu jinsabu fl-istess fond, sofferti mir-rikorrenti kagun ta' xogholijiet li saru fuq inkarigu tieghu stress (kif jidher mir-rapporti peritali u ricevuti hawn annessi), wara illi nonostante li gie ripetutament interpellat sabiex ihallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tar-rapport peritali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju, elfejn u ghaxra (2010) u tal-ittri tat-tlieta (3) ta' Settembru elfejn u sebgha (2007) u tal-ghaxra (10) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008) kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-konvenut Godwin Vella li permezz taghha wiegeb ghar-rikors promotur tal-attur billi eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-azzjoni tal-attur hija preskritta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni, l-allegazzjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat in-nota tal-konvenut tat-18 ta' Mejju 2011, li permezz taghha iddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2153 ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'ordni ta' din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' April 2011, il-provi tal-partijiet gew limitati ghal dawk dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe dik tal-preskrizzjoni, u ordnat l-inverzjoni tal-provi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2017,[1] meta l-kawza kienet ghadha fl-istadju tal-provi tal-attur dwar l-ewwel eccezzjoni, fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw "*li kienu waslu ghal ftehim ghall-dawn il-proceduri li gie finalizzat pero' ma kienx intlahaq ftehim fuq il-kap tal-ispejjez*."

Rat ukoll in-nota tal-attur datata 12 ta' Marzu 2018[2] li permezz taghha ceda l-kawza relattivament ghas-sorte u zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

[1] Ara fol. 134 tal-process
[2] Ara fol. 156 tal-process

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati limitatament dwar il-kap tal-ispejjez.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur u dik tal-konvenut limitatament dwar il-kap tal-ispejjez.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata biss ghal kap tal-ispejjez, stante li fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-partijiet lahqu ftehim fuq il-meritu, li ghalhekk llum hu ezawrit.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. Fis-sena 2006 il-konvenut flimkien ma' martu Josanne Vella xtara il-fond numru 13 Triq Habel ix-Xghir, Zejtun. Sussegwentement kienu inkarigaw lil certu Hussam Ab Amed Dabouba sabiex jaghmel xogholjiet ta' tikhil u kisi fl-imsemmi fond.

2. Fil-25 ta' April tas-sena 2007 il-konvenut ircieva telefonata minghand l-imsemmi Hussam Ab Amed Dabouba fejn dan ta' l-ahhar informah illi kien waqa' parti mis-saqaf tal-fond adjacenti li jgib in-numru 12, u li konsegwenza ta' dan kien waqa' ukoll parti mis-saqaf ta' tahtu. Minn investigazzjoni li ghamel il-konvenut skopra li dan il-fond kien jappartjeni lill-attur u rnexxielu jaghmel kuntatt ma' ibnu sabiex jinformah b'dan. Dwar l-incident sar rapport mal-Pulizija.[3]

3. Permezz ta' ittra li ggib id-data tas-26 ta' Gunju, 2008 mibghuta 'minghajr pregudizzju' mill-konvenut permezz tal-avukat tieghu lill-attur, il-konvenut talab lill-attur sabiex jinformah x'kienu l-pretensjonijiet tieghu sabiex il-kwistjoni bejniethom tinghalaq b'mod bonarju.[4]

[3] Ara Dok D a fol 26 tal-process.
[4] Ara fol 8 tal-process.

4. Fl-10 ta' Lulju 2008 l-attur permezz tal-avukat tiegħu bagħat ittra lill-konvenut u li permezz taghha talbu jhallsu s-somma ta' €1,050 ghal zewg gradenzi li tkissru meta sfronda s-saqaf u s-somma ta' €1,400 ghas-soqfa li gew imgarrfa. Gharrfu wkoll li kellu jhallsu l-ispejjez tal-irhamiet fuq iz-zewg gradenzi.[5]

5. Il-perit Aaron Abela inkarigat mill-attur wara li fis-6 ta' Lulju 2010 ghamel spezzjoni fil-fond tal-attur, hejja rapport li jgib id-data tat-22 ta' Lulju 2010 fejn ikkonkluda li l-ispejjez involuti ghall-kostruzzjoni u finishing kienu jammontaw ghal €4,457.[6]

6. Fl-14 ta' Marzu 2011 l-attur imbagħad fetaħ il-proċeduri odjerni fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallsu l-ammont ta' hamest elef, hames mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€5,595.81) rappreżentanti d-danni subiti minnu.[7]

7. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool tal-20 ta' Frar 2017, l-attur flimkien ma' martu biegh, assenja u trasferixxa il-fond mertu ta' din il-kawza lill-konvenut u martu li accettaw li jixtru u jakkwistaw l-istess fond.

8. L-ispejjez in konnessjoni mal-proceduri odjerni ma gewx imsemmija f'dan il-kuntratt.

9. Skond l-affidavit tan-Nutar Vanessa Pool, fl-istess gurnata li gie pubblikat l-att ta' bejgh, il-konjugi Vella ghaddew lill-konjugi Bonnici cekk fl-ammont ta' €19,686, liema somma tkopri parti mill-prezz tal-akkwist tal-fond mertu ta' din il-kawza, u l-*"ammont dovut ghal kwalunkwe spejjez li kienu ghamlu l-konjugi Bonnici"*.[8]

[5] Ara fol 7 tal-process.
[6] Ara fol 4 u 5 tal-process.
[7] Ara fol 1 tal-process.
[8] Ara fol 143 tal-process

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jargumenta li fil-fehma tieghu l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu mhallsa mill-konvenut ghal tlett ragunijiet u cioe': (a) ghaliex il-konvenut ammetta t-tort permezz tal-ittra legali mibghuta mill-avukat tieghu fis-26 ta' Gunju 2008, (b) ghaliex il-konvenut wasal fi ftehim mal-attur wara li kienet giet intavolata din il-kawza, u (c) ghaliex il-konvenut akkwista l-fond li kien jappartjeni lill-attur u dan, skond l-attur, hija konferma ulterjuri tat-tort tal-konvenut ghad-danni li sehhew fl-istess fond.

Bir-rispett dovut, din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti. Fl-ewwel lok fl-ittra tal-konvenut datata 26 ta' Gunju 2008 hemm indikat b'mod car li din kienet intbaghtet "minghajr pregudizju" u waqt li kienu ghaddejjin it-trattativi ghal transazzjoni bonarja. Ghalhekk din l-ittra ma tistax titqies bhala ammissjoni da parte tal-konvenut, anke peress illi fir-risposta tieghu ghal dik l-ittra, l-attur talab lill-konvenut ihallsu somma li kienet ferm inqas mill-ammont pretiz permezz ta' din il-kawza. In oltre, f'dawn il-proceduri, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni.

Fit-tieni lok, il-fatt li fil-mori tal-kawza jintlahaq ftehim bejn il-partijiet ma huwiex ekwivalenti ghal ammissjoni mill-parti li kontriha tkun infethet il-kawza. Li kieku dan l-argument tal-attur kellu mis-sewwa, il-kap tal-ispejjez wara li l-partijiet ikunu lahqu ftehim dwar il-mertu, dejjem jigi deciz bl-istess mod u dan naturalment mhux il-kaz. Is-sottomissjoni li t-tort tal-konvenut huwa konfermat mill-fatt li huwa akkwista l-fond in kwistjoni hija totalment infondata u l-Qorti tqis li mhemmx lok li tinoltra ruhha fl-ezami ta' din is-sottomissjoni.

L-Artikoli 223(1) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazjoni Civili jippreskrivi li kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez. Fil-kawza odjerna ma hemmx *"tellief"* billi ma hemmx sentenza definittiva fil-mertu. Imbaghad, is-subinciz (3) ta' dan l-istess artikolu jippreskrivi hekk:

*"(3) Fil-kazijiet kollha, il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra."*

F'dan il-kaz jirrizulta illi l-kwistjoni bejn il-partijiet tmur lura għas-sena 2007 u jidher li minkejja li qabel ma giet intavolata din il-kawza kienet ghaddiet korrispondenza bejn id-difensuri tal-partijiet u anke saru xi tentattivi bejn il-partijiet innifshom sabiex jintlahaq ftehim, sa Marzu tas-sena 2011, il-partijiet kienu ghadhom ma ftehmux u ghalhekk l-attur intavola l-kawza odjerna.

Dan il-ftehim effettivament intlahaq biss fil-mori tal-kawza, wara kwazi sitt snin ta' proceduri gudizzjarji. Mill-provi li ghandha quddiemha l-Qorti ma jirrizultax kemm effettivament mill-ammont pretiz permezz ta' din il-kawza, thallas mill-konvenut fil-hlas li huwa ghadda lill-attur dak inhar li gie ffirmat il-kuntratt bejniethom fl-20 ta' Frar 2017. Dwar dan il-hlas in-Nutar Vanessa Pool xehdet li dan kien intiz sabiex ikopri kwalunkwe spejjez li kienu ghamlu l-konvenuti, ghalkemm in kontro-ezami qalet li fil-presenza taghha ma kien sar ebda diskors mill-partijiet dwar l-ispejjez ta' din il-kawza.

Kif diga inghad, meta il-partijiet ittransigew il-mertu, il-kawza kienet ghadha fl-istadju tal-provi tal-attur dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma kienet ghadha giet deciza minn din il-Qorti. Ghalkemm, fil-verita iz-zewg partijiet ma llimitawx rwiehhom ghal provi biss dwar din l-eccezzjoni, imma ressqu provi wkoll li jikkoncernaw il-meritu, certament li ma jistghax jinghad li l-provi fil-meritu kienu gew maghluqa. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistghax tanticipa kif kienet se tiddeciedi l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, u jekk ikun il-kaz il-meritu tal-vertenza.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenut kien ikun prezenti fil-maggor parti tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti dan l-agir jindika li l-konvenut kellu nteress li din il-pendenza mal-attur tinghalaq. Mill-istess atti jirrizulta wkoll li l-konvenut ghalaq il-provi tieghu dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu fl-udjenza tat-23 ta' April 2012[9] u ghalhekk id-dewmien ta' dawn il-proceduri ma jistax ikun attribbwit lilu. Minn naha l-ohra, il-provi tal-attur dwar din l-ewwel eccezzjoni damu ghaddejjin ghal diversi seduti u l-attur baqa' qatt ma ddikjara l-provi tieghu fuq din l-eccezzjoni huma maghluqin.

---

[9] Ara fol. 49 tal-process.

Ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, fl-opinjoni tal-Qorti, hija ghandha tappliku l-Artikolu 223(3) tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazjoni Civili, u kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Konklużjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. filwaqt li tastjeni milli tiddeciedi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-mertu tal-vertenza, stante li b’nota tat-12 ta’ Marzu 2018, l-attur ceda l-kawza relattivament ghas-sorte, u konsegwentement illum il-mertu huwa ezawrit,

2. tiddeciedi dwar l-ispejjez tal-kawza billi tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**